MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Numru 454/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Johann J. Fenech**

**vs**

**Marco Cavallaro**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Marco Cavallaro ta' 27 sena, iben Leonardo u Concetta nee' Saia, imwieled gewwa Messina l-Italja fl-01.05.1985, residenti gewwa Via Nazionale, Nru 330, Rometta Marea, l-Italja u/jew gewwa Dean Hamlet Aparthotel, San Giljan u detentur ta' karta tal-identita' Taljana nru AS 3577538 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Novembru 2012 u fil-jiem ta' qabel:-

1) Importa, jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (Cannabis Grass) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll

2) Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali esebit a fol. 4 tal-process u mahrug ai temini tal-Artikolu 22 tas-subartikolu (2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta fejn huwa ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti fil-kompetenza surreferita sabiex iwiegeb ghall-akkuzi mahruga fil-konfronti tieghu taht il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-26 ta' Novembru 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tas-26 ta' Novembru, 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll l-fatt li huma ghandhom fedina penali netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 8(d) u 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sitt(6) xhur prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ tnax(12)-il xahar millum.

Il-Qorti inoltre qed tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tad-droga esebita u mmarkata bhala Dok JF 2 liema distruzzjoni ghandha ssir taht is-supervizjoni tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------